MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tat-22 ta' Dicembru, 2008

Numru 1260/2008

**Il-Pulizija
Spettur Spiridione Zammit
V**

**ABDI AADAN HUSSEIN**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ABDI AADAN HUSSIEN** ta' sebgha w ghoxrin sena ta' nazzjonalita Somala, bin Aden u Dahabu nee Cikle, imwieled s-Somalja nhar l-hdax t'Awwissu 1973 u residenti 55, Triq l-Isptar l-Antik, il-Belt Valletta, detentur tal-karta tal-identita numru 35409A, gie mressaq quddiemha nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Dicembru 2008 akkuzat talli:

1. fil-wiehed w ghoxrin ta' Dicembru 2008, ghal habta tas-saghtejn ta' wara nofsinhar, u hinijiet wara, fl-Open Centre tal-Marsa, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra Abshir Mohamed Abko, persuna nkarigata skond l-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien

qed jagixxi ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond l-ligi mill-Awtorita kompetenti;

2. Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ghamel ingurji jew theddid fuq il-persuna ta' Abshir Mohamed Abko, persuna nkarigata minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel tali servizz bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr ma darab jew sawwat, qabad arma (sikkina) kontra l-imsemmi Abshir Mohamed Abko, persuna nkarigata skond l-ligi minn servizz pubbliku;

4. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, garr sikkina jew strument li jaqta jew bil-ponta barra minn xi fond jew d-dintorni tieghu, minghajr ma kellu licenzja jew permess mill-Kummissarju tal-Pulizija;

5. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghamel lil Abshir Mohamed Abko, ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-Kodici Kriminali ta' Malta;

6. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, b'xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali, kiser voluntarjament il-bon ordni w l-kwiet pubbliku.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom d-dokument mahrug mill-Ministeru tal-Gustizzja w Intern, l-karta tal-identita tal-imputat, applikazzjoni ghal estensjoni f'Malta, l-fedina penali tal-imputat u passaport tieghu kif wkoll stqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Dicembru 2008.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' llum, t-tnejn w ghoxrin ta' Dicembru 2008, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerġa lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti qiset is-segwenti fatturi rigwardanti l-piena u cioe l-ammissjoni bikrija tal-imputat sa mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri u cioe mal-presentata u li b'hekk m'inhela ebda hin zejjed tal-Qorti.

**Ghalhekk il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi, partikolarment l-artikoli 96, 95, 339(1)(b), 339(1)(d), 338(ee), 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lil imputat ABDI AADAN HUSSIEN hati tal-akkuzi kollha kif minnu ammessi u tiddecidi li tikkundannah ghal perjodu ta' sena (1) prigunerija sospiza ghal erbgha (4) snin bl-applikazzjoni tal-artikolu 28(A) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti spjiegat lil hati fi kliem car, kemm r-responsabilita tieghu u x'jigri jekk hu jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija matul l-perjodu ta' erbgha (4) snin u l-imputat iddikjara li fehem ben tajjeb.**

**Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------